MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2124/1997/1

**Grazio Vassallo**

**Vs**

**Goldvest Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Settembru 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur irrenda lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi f' sensiela ta' okkazjonijiet konsistenti f' installazzjoni ta' makkinarju u anke manutenzjoni ta' makni u apparat, liema servizzi u xoghol sar fil-lukanda Imperial, Rudolph Street, Sliema;

Premess illi llum l-attur ghandu jithallas l-ammont ta’ elfejn seba’ mija u erbatax-il lira Maltija (Lm2714.00);

Premess illi s-socjeta` mitluba biex thallas baqghet inadempjenti fil-hlas, anzi a dirittura qeghda tezimi ruhha mill-hlas;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elfejn seba’ mija u erbatax-il lira Maltija (Lm2714.00) bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-kompletazzjoni tas-servizzi hekk resi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` Goldvest Limited pprezentata fl-20 ta’ Mejju 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Preliminarment illi n-notifika tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni li takkompanjha hija nulla peress li ghalkemm hemm dikjarat li hija “vera kopja”, il-kopja notifikata mhix kopja genwina ta’ l-original kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju li l-isem tas-socjeta` konvenuta huwa Goldvest Company Limited;

3. Minghajr pregudizzju, li s-socjeta` fuq riferita ma kellha ebda relazzjoni ma’ l-attur, u ma ghandha taghti xejn;

4. Minghajr pregudizzju ghaz-zewg eccezzjonijiet precedenti, l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

5. Minghajr pregudizzju li dak ix-xoghol li seta’ sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Gunju 1998 li permezz tieghu giet milqugha talba ta’ l-attur sabiex issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li tizdied il-kelma “Company” wara l-kelma “Goldvest”;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Goldvest Company Limited ipprezentata fid-29 ta’ Lulju 1998 u li fiha eccepiet:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija infondata fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-eccipjenti ma ghandha taghti xejn lill-attur, u talvolta qualsiasi pretensjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

2. Minghajr pregudizzju, illi x-xoghol li kellu jaghmel l-attur kien dak riferit fl-iskrittura tal-20 ta’ Gunju 1995, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda;

Rat l-Affidavits ipprezentati mill-partijiet kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

B’ din l-azzjoni tieghu l-attur qed jirreklama l-hlas tas-somma minnu specifikata fic-citazzjoni ghal servizzi ta’ installazzjoni, riparazzjonijiet u manutenzjoni ta’ makni u apparat sitwati fil-lukanda Imperial. Huwa jiddikjara li dawn ix-xoghlijiet gew kommissjonati lilu mill-allura General Manager tal-lukanda li talbu biex jattiva l-*laundry* li kienet ilha inoperabbli ghal xi zmien. Skond l-attur dawn ix-xoghlijiet kienu kontinwati fis-sens illi, riparata wahda mill-makni ghal liema hu kkwota zewg opzjonijiet (ara dokument a fol. 24), huwa gie inkarigat jaghmel diversi prestazzjonijiet ta’ *refurbishment* konnessi mal-manutenzjoni ta’ l-istess makna u apparat iehor. Ara Affidavit tieghu a fol. 20 u kontro-ezami a fol. 84;

F’ dan kollu, l-attur hu korroborat mix-xhieda ta’ Joseph Saliba, ex General Manager tal-lukanda li fl-Affidavit tieghu a fol. 30 jikkonferma illi hu nghata struzzjonijiet mill-Avukat Victor Ragonesi u minn Dione Aquilina “*to put the laundry room in order and back to full operation*”. Ara wkoll xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 56 u fol. 63 tal-process. Huwa jzid jghid ukoll illi ghar-repristinar ta’ l-impjant gie mqabbad l-attur, li kkonduca wkoll riparazzjonijiet u manteniment fuq makni, *tumble dryer* u *ironer*. L-istess xhud ma jonqosx milli jikkonferma ukoll illi Dr. Victor Ragonesi kien a konoxxenza pjena ta’ dawn ix-xoghlijiet, nonostante dak li jafferma l-istess Dr. Ragonesi fl-Affidavit tieghu a fol. 32;

Mill-premessi fatti u r-rizultanzi proceswali in atti din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni tirrikava minnhom bhala stat ta’ fatt illi tabilhaqq l-attur gie affidat bl-adempiment tal-prestazzjonijiet fuq accennati u li s-socjeta` konvenuta, ossija d-diretturi ta’ din, kienu xjenti mix-xogholijiet intraprezi u ezegwiti mill-attur. Xoghlijiet dawn li kif jinghad mill-precitat xhud Joseph Saliba gew terminati “*end 1995 and early 1996*” (fol. 31). Ghal din il-

Qorti dan ifisser li bil-kontra ta' dak li jinghad fl-ewwel eccezzjoni bejn il-kontendenti kien hemm dak ir-rapport negozjali li hu ghab-bazi ta' l-azzjoni mill-attur ghall-hlas tas-servizzi minnu prestati u li l-pagament taghhom baqa' insodisfatt;

Ferma din l-osservazzjoni, il-Qorti jehtiegilha tghaddi biex tezamina l-fondament tal-preskrizzjoni eccepita intiza bhala mod ta' estinzjoni tad-dritt ta' l-attur;

Hu provvdut bl-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili illi l-azzjoni hi estinta b' gheluq ta' tmintax-il xahar fil-kaz ta' "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu";

L-interpretazzjoni li jaghtu l-awturi l-aktar akkreditati fuq din il-materja (ara **Dalloz** "**Prescrizione**" No. 925 u **Laurent** "**Principii di Diritto Civile**" Vol. XXXII No. 511) hi dik li meta l-imsemmija artefici jikkontrattaw "*a prezzo fatto*" ghandhom jigu assimilati bhala intraprendituri u allura f' kaz bhal dan id-disposizzjoni msemmija "*non è applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti*" (Ara **Kollez. Vol. XXVII P I p 1013**). F' dan il-kaz aktar minn opra ghandek il-prestazzjoni ta' l-opus "minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet" (**Kollez. Vol. XLII P III p 1151**). Li jfisser illi ghall-kreditu ta' l-attur hija applikabbli preksrizzjoni xort' ohra minn dik specifikata ta' tmintax-il xahar. L-attur kien appaltatur ta' diversi xoghlijiet u ghall-prezz taghhom skond id-direttivi dottrinali u gurisprudenzjali l-preskrizzjoni hawn kontemplata ma tikkolpix l-azzjoni tieghu. Anke allura din l-eccezzjoni jkollha tigi skartata;

B' difiza ohra s-socjeta` konvenuta tikkontendi li x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u sengha. Minn din il-linja difensjonali wiehed necessarjament jifhem illi s-socjeta` konvenuta qeghda tirrikollega ruhha ghal dawn iz-zewg kuncetti li jsegwu, jigifieri:

(i) li l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi x-xoghlijiet miftehma u lilu kommessi "*secondo i dettami dell' arte sua*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374** u **Vol. XLI P II p 892**);

(ii) li hija ntempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' l-appalt meta x-xoghlijiet ma jkunux gew ezegwiti sewwa (**Kollez. Vol. XLVII P I p 650**);

Ikollu jinghad fuq dan il-punt illi fil-kaz prezenti din hi asserzjoni ghal kollox gratuwita da parte tas-socjeta` konvenuta u mhux bazata fuq il-provi. Effettivament, minn imkien mill-Affidavit tieghu l-Avukat Ragonesi ma jasserixxi dan u wisq anqas ipproduca prova konkreta dwar xi nuqqas ta' bonta fix-xoghlijiet ezegwiti mill-attur. Prova din li kienet tkun ta' l-akbar rilevanza biex issawwar il-konvinciment tal-Qorti u li kienet certament fl-interess tas-socjeta` konvenuta li tipproduciha. Minn dan kollu baqa' ma sar xejn u allura s-socjeta` konvenuta ma tistax hlief tlum lilha nnifisha. Anke allura din l-eccezzjoni jkollha titqieghed *in disparte*;

Eliminat it-terren ta' l-eccezzjonijiet avvanzati, ma jidherx li jista' qatt ikun in dubju illi kull attivita` tal-bniedem, ekonomikament rilevanti, timmerita li tigi retribwita. Trattandosi ta' prestazzjoni "*di facere*", una volta terminata, u x-xoghlijiet ezegwiti accettati bla rizerva, dan hu sufficjenti biex jigi sodisfatt l-interess kreditorju. In effetti r-retribuzzjoni hi kommizurata mar-rizultat u dan id-dritt jinsorgi meta tintemm il-prestazzjoni;

Issa huwa minnu li minn certu kontro-ezami u dokumenti esebiti mis-socjeta` konvenuta (fol. 119 sa fol. 127) gie sollevat d-dubju illi certi *invoices* kienu gew saldati. Dwar

dan pero` jkollu jinghad illi, apparti li l-provi tal-kontro-parti kienu tali li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni kuntrarja, u apparti wkoll illi ma giet sollevata ebda eccezzjoni formali ta' xi pagament li jinghad li saru, il-hlas allegat ma jistax jigi pprovat ghaliex sempliciment id-debitur ghazel li jipprezenta kopja ta' dokumenti ttimbrati "PAID", u li l-kreditur la jara u lanqas jista' jikkontrolla. Apparti li fil-hsieb tal-Qorti tali notament fuq l-*invoices* ma jistax ghalhekk biss jassumi l-karattru guridiku ta' xi kwittanza, jirrizulta bhala fatt illi ghal ben tliet seduti konsekuttivi r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta gie moghti l-opportunita` biex jesebixxi ghall-ahjar kontroll l-original ta' dawn l-istess dokumenti fil-pussess tieghu – ara verbali tas-seduti a fol. 133, 139 u 140 – imma, ghal xi raguni li jafha hu, dan baqa' inadempjenti. Fic-cirkostanzi, is-socjeta` konvenuta ma tistax ragonevolemnt tqis lilha nnifisha liberata mill-obbligazzjoni li tassalda l-kontraprestazzjoni taghha bil-hlas opportun. Huwa fatt indisputat illi l-prestazzjonijiet kommissjonati lill-attur gew esegwiti u huwa fatt wkoll illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tipprova, sodisfacentement u konkludentement, il-hlasijiet allegati minnha. Ikollu jinghad li, similment bhal fil-kaz ta' l-ipotesi tal-vizzji u tad-difformita` fix-xoghlijiet, anke din tal-hlas tibqa' mera allegazzjoni u xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, respinti l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, takkolji t-talba ta' l-attur u b' hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dan is-somma ta' elfejn seba' mija u erbatax-il lira Maltija (Lm2714.00) ghall-prestazzjoni ta' servizzi varji ezegwiti minnu, bl-imghaxijiet kif miltub u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------